# SWOR FAWSTINA, L-APPOSTLU TAL-HNIENA DIVINA



**HAJJITHA FIL-QOSOR**

Santa Fawstina hija don ta' Alla ghal zminijietna, mistika kbira, ghalliema tal-hajja spiritwali, profeta li fakkritna fil-verita' bibblika li Alla huwa Imhabba u Hniena ghall kull bniedem u tipproklama din il-verita' bix-xiehda ta' hajjitha, ghemilha, kelmitha u t-talb taghha.

Swor Fawstina hija wahda mill-qaddisin popolari tal-Knisja Kattolika u maghrufa sew fost il-Kattolci. Twieldet fil-25 ta' Awissu tas-sena 1905 gewwa Głogowiec fil-Polonja lil Marianna u Stanisław Kowalski bhala t-tielet wild fost ghaxar ulied. Jumejn wara giet imghammda u tawha l-isem ta'

Helenka, fil-parrocca ta' Świnice Warckie. Meta kellha 9 snin ghamlet l-ewwel tqarbina taghha u ghal tlett snin biss attendiet l-iskola elementary. Kellha tahdem ta' seftura ma' familji sinjuri f' Aleksandrów u Łódź biex tkun ta' spalla finanzjarja ghall-familja numerza taghha.

Sa minn mindu kellha seba' snin kienet thoss is-sejha biex tidhol religjuza, izda l-genituri taghha ma hallewiex tidhol fil-kunvent. Madanakollu mqanqla minn dehra ta' Kristu Salvatur Sofferenti f'Lulju tas-sena 1924, halliet darha biex tmur gewwa Varsavja biex issib post hemm. Ghal sena ohra hija hadmet ta' seftura biex iggemma' ftit tal-flus halli jkollha mnejn tixtri xi hwejjeg biex tidhol fil-hajja monastika. Fl- 1 ta' Awissu tas-sena 1925 hija dahlet taghmel sehem mill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tas-Sinjura tal-Hniena gewwa Varsavja.

Hija baqghet tghix mal-kongregazzjoni ghal tlettax-il sena u qaghdet f'bosta djar ta' l-Ordni, bl-aktar zmien tghaddih gewwa Krakovja, Plock u Vilinius; daqqa kienet isservi bhala koka, ohra bhala assistenta bejjiegha f'hanut tal-hobz, ohra bhala purtinarja u anke tahdem il-gnien. Sofriet mit-tuberkolosi tal-pulmun u fis-sistema ta' l-ikel u kien ghalhekk li ghaddiet 8 xhur fl-isptar gewwa Krakovja.

It-tuberkolosi kien ikiddha hafna u t-tbatija minnu kienet toffrih bhala tpattija ghall-konverzjoni tal-midimbin. Hija ghaddiet minn hafna esperjenzi ta' grazzji straodinarji bhal dehriet, estasi, id-don tal-bilokazzjoni, il-pjagi mohbija (stigmati), etc.

Ix-xoghol principali ta' Swor Fawstina kien li tghaddi lill-Knisja ta' Kristu u lid-dinja l-messagg tal-Hniena Divina, u s-sejha biex kull bniedem jafda' lilu nnifsu lil Gesu' u biex inhobbu lil ghajrna.

Is-soru qaddisa mietet gewwa Krakovja fil-5 ta' Ottubru tas-sena 1938 meta kellha biss 33 sena. Bis-sahha tal-karizma taghha u l-esperjenzi mistici twieled il-Moviment tal-Hniena Divina li kompla fejn halliet hi. F'April 18 tas-sena 1993 il-papa qaddis San Giovanni Pawlu II gholliha ghall-glorja ta' l-altari u f'April 30, tas-sena 2000 nizzel isimha man-numru tal-qaddisin. Wiehed jista' jara l-fdalijiet taghha fis-santwarju tal-Hniena Divina gewwa Łagiewniki, Kraków.